# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru 2020**

**Kawza Numru: 26**

**Rikors Guramentat Numru:- 270/2020 JVC**

**Basil Alsuhaibani sive Basil Saleh Nasser Alsuhaibani (K.I. 0292517L) kif rappresentat lokalment mill-mandatarju specjali tieghu l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli noe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Illi r-rikorrent twieled f'Riyadh, fir-Renju tal-Arabja Sawdita fl-1 ta' Gunju 1983, u dana skont l-Att tat-Twelid li jgib in-numru progressiv 6128/S registrat u mahrug mir-Registru tat-Twelid, fil-Ministeru tas-Sahha, General Directorate of Health Affairs tal-provincja tar-Riyadh, fil-15 ta' Gunju 1983, li kopja awtentika tieghu flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni tieghu bl-Ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**BA-2**".

2. Illi il-fuq imsemmi Att tat-Twelid juri l-isem shih tar-rikorrent. u cioe' dak "Basil Saleh Nasser Alsuhaibani". Skont il-ligi u l-prattika tar-Renju tal-Arabja Sawdita kull wild jiehu bhala t-tieni isem tieghu l-ewwel isem ta' missieru, u jiehu wkoll bhala t-tielet isem tieghu l-ewwel isem ta' missier missieru. Illi ghalhekk l-isem tar-rikorrent huwa dak ta' "Basil Saleh Nasser"; u jitnissel ukoll, skont il-ligi u l-prattika tal-istess Renju tal-Arabja Sawdita fejn kull wild jiehu l-kunjom ta' missieru, illi l-kunjom tar-rikorrent huwa dak ta' "Alsuhaibani" – kif inhu kkonfermat fl-opinjoni legali tat-28 ta' Jannar 2020 mahruga mill-avukat Sawdi Dottor Abdulaziz Hamad H. Alfahad li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**BA-3**".

3. Illi fil-15 ta' Mejju 2017 ir-rikorrent ottjena permezz tar-Regolamenti dwar il-Programm ta' Investitur Individwali tar-Repubblika ta' Malta (S.L. 188.03) ic-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, skont id-dispozizzjonijiet tal-Att Dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta), kif

jirrizulta mic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**BA-4**".

4. Illi l-fuq imsemmi Certifikat ta' Cittadinanza Maltija inhareg bl-isem "Basil Alsuhaibani" minkejja illi r-rikorrent kien issottometta l-applikazzjoni tieghu lill-Agenzija Identity Malta sabiex jikseb il-fuq imsemmija cittadinanza Maltija permezz tan-naturalizzazjoni bl-isem shih tieghu kif registrat fir-Renju tal-Arabja Sawdita u li bih l-istess rikorrent kien minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah u cioe' "Basil Saleh Nasser Alsuhaibani", kif jirrizulta mill-kopja tal-istess applikazzjoni hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**BA-5**", ghalkemm it-tielet isem "Nasser" kien gie mqassar ghall-inizjali "N" sabiex l-isem shih tar-rikorrent ikun jaqbel ma kif l-istess isem jidher fit-traduzzjoni Ingliza tal-passaport Sawdi tieghu (li kopja awtentika tieghu huwa hawn annessa u mmarkata bhala Dokument **"BA-13**);

5. Illi difatti l-isem tar-rikorrent huwa indikat bhala "Basil Saleh Nasser Alsuhaibani", u fost dokumenti ufficjali ohra, kemm (i) fil-Karta tal-Identita' Nazzjonali tal-Arabja Sawdita bin-numru 1064228867 mahruga fir-rigward tieghu mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita li kopja awtentika taghha flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni taghha bl-Ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**BA-6**"; kemm (ii) fil-'Criminal Record' mahrug mid-Dipartiment tal-Evidenza Forensika tas-Sigurta' Pubblika tal-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita fir-rigward tar-rikorrent u datat l-4 ta' Jannar 2016, li kopja awtentika tieghu flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni tieghu bl-Ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**BA-7**"; kemm (iii) fis-Civil Status - Family Registry Card mahruga mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja

Sawdita li kopja awtentika tad-traduzzjoni tieghu bl-ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**BA-8**"; kemm (iv) fil-Family Head Information mahruga mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita datat 1 ta' Marzu 2016 , li kopja awtentika tieghu flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni tieghu bl-ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**BA-9"; **kemm (v) fil-Kuntratt taz-Zwieg Numru 33/5 mahrug mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita mahrug fl-10 ta' Settembru 2008 li kopja awtentika tieghu flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni tieghu bl-Ingliz huwa hawn anness u mmarkat bhala Dokument "**BA-10"; **u kemm (vi) fuq ic-Certifikat tat-Twelid tat-tfal tieghu Hessah u Abdulkarim mahrugin fl-Arabja Sawdita' li kopja awtentika taghhom flimkien ma' kopja awtentika tat-traduzzjoni taghhom bl-Ingliz huma hawn annessi u mmarkata bhala Dokument "**BA-11**" u "**BA-12";**

6. Illi fit-text gharbi isem ir-rikorrent huwa imnizzel bhala Basil Saleh Nasser Alsuhaibani fil-passaport tieghu numru T912181 mahrug mill-Awtoritajiet tar-Renju tal-Arabja Sawdita' f' Riyadh fis- 7 ta' Frar 2017, li kopja awtentika tieghu tinkopora traduzzjoni tieghu bl-ingliz hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**BA-13**". Huwa evidenti mill-premess illi l-inizjali "N" fid-traduzzjoni Ingliza tirraprezenta il-fuq imsemmi tielet isem "Nasser" tar-rikorrent. Difatti isem ir-rikorrent fit-test Gharbi tal-istess dokument jinkorpora l-isem shih "Nasser". Dan ukoll jispiega l-fatt ghaliex it-tielet isem tar-rikorrent kien imnizzel ukoll bl-inizjali "N" fl-applikazzjoni tar-rikorrent lill-Agenzija Identity Malta sabiex jikseb il-fuq imsemmija cittadinanza Maltija permezz tan-naturalizzazzjoni **(vide** Dokument "**BA-5"**);

7. Illi bhala parti mill-process ghall-ksib tac-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni, ir-rikorrent kien applika lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex l-Att tat-twelid tieghu jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta, u dana sabiex a bazi ta' hekk ikunu jistghu jinhargu a favur tal-istess rikorrent ic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija, il-passaport Malti kif ukoll il-karta tal-identita' Maltija.

8. Illi in segwitu, l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku irregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti fis-16 ta' Mejju 2017 bin-numru ta' iskrizzjoni progressiv 2925, li kopja tieghu huwa hawn anness u immarkat bhala Dokument "**BA-14**", fejn isem ir-rikorrent huwa erronjament imnizzel bhala "Basil Alsuhaibani".

9. Illi l-isem tar-rikorrent fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid kif erronjament irregistrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku m'huwiex fil-fatt kopja vera tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv 6128/S mizmum fil-General Directorate of Civil Status, Ministry of Interior, Riyadh, Saudi Arabia (Dok BA-2) kif spjegat fil-legal opinion (Dok. BA-3), u lanqas ma jaqbel mal-isem shih tar-rikorrent fid-dokumenti imsemmija aktar il-fuq.

10. Illi ghandu jinghad ukoll illi sew ic-Certifikat ta' Cittadinanza Maltija, li gja saret riferenza ghalih u li kopja tieghu hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**BA-4**", il-Passaport Malti, li kopja awtentika tieghu hija hawn annessa u mmarkat bhala Dokument "**BA-15**", kif ukoll il-Karta tal-Identita' Maltija, li kopja awtentika taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "**BA-16**", illi gew mahruga a favur tar-rikorrent mill-Awtoritajiet kompetenti Maltin, ukoll indikaw erronjament isem ir-rikorrent bhala "Basil Alsuhaibani"; bir-rizultat illi dawn l-

istess dokumenti ma jirriflettux l-isem shih ta' "Basil Saleh Nasser Alsuhaibani" li bih ir-rikorrent huwa konsistentement maghruf u imsejjah  u kif dan l-isem huwa imnizzel fid-diversi dokumenti esibiti  mahruga fir-Renju tal-Arabja Sawdita.

11. Illi mhux talli hekk biss, izda talli l-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku pproceda mbaghad sabiex jirregistra korrettement isem l-istess rikorrent fl-Att taz-Zwieg tieghu li jgib in-numru progressiv ta' 1027 datat 19 ta' Mejju 2017 hawn anness u mmarkat bhala Dokument "**BA-17",** kif ukoll fl-Atti tat-Twelid tat-tfal tieghu Hessah u Abdulkarim  bhala "Basil Saleh Nasser Alsuhaibani ", skont ma jirrizulta mic-Certifikati tal-Atti tat-Twelid li jgibu n-numri progressivi ta' iskrizzjoni 2922 u 2923 rispettivament u li inhargu fis-16 ta' Mejju 2017 hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti "**BA-18**" u "**BA-19"**, u b'hekk konsegwenza tal-izball tieghu l-istess intimat Direttur tar-Registru Pubbliku qieghed jaghti lok ghal inkonsistenza kif ukoll johloq incertezza dwar isem ir-rikorrent.

12. Illi kif fuq premess, u kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-isem tar-rikorrent huwa dak ta' "Basil Saleh Nasser Alsuhaibani", b'liema isem l-istess rikorrent kien ukoll minn dejjem u konsistentement maghruf u msejjah, u ismu m'huwiex biss "Basil Alsuhaibani" skont kif gie indikat fl-imsemmi Att tat-Twelid  registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku tas-16 ta' Mejju 2017  bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2925.

13. Illi ghalhekk ir-rikorrent jixtieq illi t-tieni u t-tielet ismijiet tieghu u cioe' l-ismijiet "Saleh Nasser" jigu mizjuda fl-istess Att tat-Twelid registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku

tas-16 ta' Mejju 2017 bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2925 sabiex b'hekk l-isem shih u korrett tal-istess rikorrent jinqara bhala "Basil Saleh Nasser Alsuhaibani" kif jitnissel mill-Att tat-Twelid tieghu tar-Renju tal-Arabja Sawdita.

14. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ghar-ragunijiet premessi :-

1 Tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni 2925 kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku tas-16 ta' Mejju 2017, billi jigu registrati fl-istess Att tat-Twelid it-tieni u t-tielet isem tar-rikorrent, u cioe' l-ismijiet "Saleh Nasser", sabiex b'hekk l-isem shih tal-istess rikorrent jigi jinqara "Basil Saleh Nasser" bhala isem u "Alsuhaibani" bhala kunjom; u konsegwentement

2 Tordna illi jigi mdahhal annotament fil-margini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent illi jindika illi saret tali korrezzjoni u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili; u konsegwentement ukoll

3. Tordna illi l-bdil effettwat fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent in segwitu ghall-korrezzjoni u registrazzjoni relattiva jigi rifless ukoll f'kull Att ta' l-istat civili iehor relattiv ghall-istess rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni'.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eccepixxa kif isegwi:

1. ‘ILLI, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza, l-esponent jiddikjara illi hu ma huwiex edott mill-fatti esposti mir-rikorrent fir-rikors promotur tieghu;

2. ILLI, jidher li r-rikorrent twieled gewwa Riyadh, fir-Renju tal-Gharabja Sawdita fl-1 ta' Gunju 1983, u dan skond l-Att ta' Twelid tieghu bin-numru 6128/S, mahrug mill-awtoritajiet fl-Gharabja Sawdita, li kopja tieghu qed tigi hawn anness u mmarkata **Dok DRP 1**, kif ukoll it-traduzzjoni tieghu ghal-lingwa Ingliza, hawn annessa u mmarkata **Dok DRP 2**. Sussegwentement, ir-rikorrent ottjena c-cittadinanza Maltija tieghu b'naturalizzazzjoni taht il-proveddimenti tal-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta) permezz tal-Programm tal-Investitur Individwali. Ghalhekk, ir-rikorrent kellu l-fakolta' illi jirregistra l-Atti tal-iStat Civili esteri tieghu gewwa Malta, inkluz l-Att ta' Twelid tieghu, u dan taht l-Artikolu 244 tal-Kodici Civili;

3. ILLI, nhar il-14 ta' Marzu 2017, saret talba sabiex l-Att ta' Twelid esteru tar-rikorrent jigi registrat gewwa Malta ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16. Kopja tal-istess talba qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala **Dok DRP 3**. Flimkien mat-talba, gew forniti l-Att ta' Twelid esteru u t-traduzzjoni tal-istess (Dok DRP 1 u Dok DRP 2 rispettivament). Wara li d-dokumenti msemmija gew evalwati u l-esponent kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 gew sodisfatti, l-esponent ghadda ghar-registrazzjoni tal-Att ta' Twelid. Difatti, l-Att ta' Twelid esteru tar-rikorrent huwa illum registrat gewwa Malta u jgib in-

numru 2925 tas-sena 2017, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata **Dok DRP 4**;

4. ILLI, l-esponent jichad illi sar xi zball minn naha tieghu fir-registrazzjoni tal-Att ta' Twelid tar-rikorrent. Fl-ewwel lok, fit-talba sabiex l-Att ta' Twelid esteru tar-rikorrent jigi registrat gewwa Malta (Dok DRP 3) jidher car illi l-isem tar-rikorrent kien indikat bhala 'Basil Alsuhaibani' u mhux 'Basil Saleh Nasser Alsuhaibani'. Maghdud ma' dan, tali registrazzjoni kellha ssir billi *ad verbatim* tigi mnizzla l-informazzjoni misjuba fl-Att esteru, senjatament fit-tieni pagna tat-traduzzjoni tal-istess Att (Dok DRP 2) li tindika l-partikolaritajiet kollha tal-persuna, fejn jidher car li hemm miktub 'Basil' biss ghal dak li hu isem, u mhux 'Basil Saleh Nasser', u ghalhekk l-esponent kien kostrett li jirregistra l-Att ta' Twelid tar-rikorrent bl-istess isem, u cioe 'Basil';

5. ILLI, huwa proprju ghall-istess raguni illi fl-Att ta' Zwieg tar-rikorrent, bin-numru 1027 tas-sena 2017, li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata **Dok DRP 5**, kif ukoll fl-Atti ta' Twelid tat-tfal tar-rikorrenti, bin-numri 2922 u 2923 tas-sena 2017, li kopja taghhom qed tigi hawn annessa u mmarkata **Dok DRP 6** u **Dok DRP 7** rispettivament, li ghalihom jaghmel referenza r-rikorrent f'paragrafu 11 tar-rikors promotur tieghu, illi isem ir-rikorrent gie mnizzel 'Basil Saleh Nasser Alsuhaibani', u cioe illi tali isem jidher *verbatim* fl-Atti esteri. Difatti, qed jigu hawn annessi kopji tal-atti esteri u traduzzjoni taghhom, immarkati minn **Dok DRP 9** sa **Dok DRP 13**, li juru li isem ir-rikorrent fit-tali atti esteri kien imnizzel bhala 'Basil Saleh Nasser Alsuhaibani, u ghalhekk ma sar ebda zball da parti l-esponent kif gie allegat;

6. ILLI, riferibbilment ghat-tielet u l-ahhar talba tieghu, ir-rikorrent ghandu jispecifika liema huma dawk l-atti tal-iStat Civili ohra li ghandhom jirriflettu it-tibdil mitlub minnu, jekk kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti takkolja l-ewwel u t-tieni talbiet tieghu, u dan billi jirreferi ghan-numru u s-sena tal-Atti tal-iStat Civili kkoncernati;

7. ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza istanti, l-esponent jirrimetti ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però illi l-provi migjuba mir-rikorrent jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

8. ILLI, in vista tal-premess u minghajr pregudizzju ghall-istess, l-esponent umilment jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parti l-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li hu minn issa ingunt in subizzjoni'.

Rat l-affidavit, certifikati, opinjoni legali, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet li giet traskritta u nkluza fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Lulju, 2020 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-Avukat Dottor Kevin F. Dingli fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali tal-assenti Basil Alsuhaibani sive Basil Saleh Nasser Alsuhaibani jitlob li ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) issir korrezzjoni fl-Att ta' Twelid bin-numru progressiv 2925 tas-sena 2017 billi jizdiedu t-tieni u t-tielet isem tar-rikorrenti u cioe' 'Saleh Nasser' biex l-isem jigi jaqra bhala 'Basil Saleh Nasser' u l-kunjom jaqra bhala 'Alsuhaibani'.

Illi min-naha tad-Direttur intimat eccepixxa li dak li jirrigwarda l-mertu, huwa m'huwiex edott mill-fatti esposti mir-rikorrenti. Huwa ssottometta li r-rikorrenti ottjena c-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni taht il-provvedimenti tal-Att tac-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghalhekk ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) wara li gew evalwati d-dokumenti, u d-Direttur intimat kien sodisfatt li r-rekwiziti tal-Artikolu 244 gew sodisfatti, huwa ghadda ghar-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid. Id-Direttur intimat jichad illi sar xi zball min-naha tieghu fir-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid fl-ewwel lok ghaliex fit-talba sabiex l-Att tat-Twelid esteru jigi registrat gewwa Malta kopja giet esebita u mmarkata bhala Dok DRP 3 a fol. 132 tal-process l-isem hemm indikat huwa ta' 'Basil Alsuhaibani' u mhux 'Basil Saleh Nasser Alsuhaibani'. Di piu' tali registrazzjoni kellha ssir billi *ad verbatim* tigi mnizzla l-informazzjoni misjuba fl-att esteru senjatament it-tieni pagna li tindika l-partikolaritajiet kollha tal-persuna fejn ghal dak li hu

isem hemm biss indikat 'Basil' u ghalhekk id-Direttur intimat kien kostrett jirregistra l-Att tat-Twelid b'dak l-isem. Ghall-istess raguni illi fl-Att ta' Zwieg tieghu bin-numru progressiv 1027 tas-sena 2017 u fl-Att ta' Twelid ta' wliedu bin-numru progressiv 2922/2017 a fol. 135 tal-process u 2923/2017 a fol. 136 tal-process li ghalihom ir-rikorrenti ghamel referenza fil-paragrafu 11, l-isem tar-rikorrenti bhala l-missier gie mnizzel bhala dak ta' 'Basil Saleh Nasser Alsuhaibani' stante li *ad verbatim* huwa dak l-isem li jidher fuq l-Att esteru. Riferibbilment ghat-tielet u l-ahhar talba d-Direttur intimat sostna li r-rikorrenti ghandu jispecifika liema huma dawk l-atti tal-Istat Civili li ghandhom jirriflettu t-tibdil fih jekk kemm-il darba t-talbiet jigu milqugha. Ghar-rigward il-mertu tal-kawza d-Direttur intimat irrimetta ruhu ghall-ghaqli u s-savju gudizzju tal-Qorti, salv li jingiebu l-ahjar u sodisfacenti provi f'ghajnejn il-ligi. Finalment issottometta li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parti tal-esponenti u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret nhar it-12 ta' Mejju, 2020 u prova ta' dan giet esebita a fol. 109 tal-process.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi din il-kawza qieghda ssir ai termini tal-Artikoli 253 *et seq* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaghtu dritt lil persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni fir-registrazzjoni ta' isem jew ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi r-rikorrenti Basil Alsuhaibani twieled f'Riyadh, fir-Renju tal-

Arabja Sawdita fl-1 ta' Gunju, 1983 u fil-15 ta' Mejju, 2017 ottjena c-cittadinanza Maltija b'naturalizzazzjoni skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar ic-Cittadinanza Maltija (Kapitolu 188 tal-Ligijiet ta' Malta) (ara kopja tac-certifikat ta' Cittadinanza Maltija a fol. 54 tal-process). Fis-16 ta' Mejju, 2017 id-Direttur intimat irregistra l-Att ta' Twelid li jgib in-numru progressiv 2925 tas-sena 2017. Ghalhekk dan huwa kaz ta' registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jiddisponi li:

> '(1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita' kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270(1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita' ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhalikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.
>
> (2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba.'

Illi jinghad li f'kazijiet fejn jintalab li jigi registrat Att tat-twelid, jew att ufficjali iehor, redatt f'pajjiz barra minn Malta, d-dettalji mnizzla fl-atti f'Malta jittiehdu minn fuq l-atti originali, jekk l-att originali jkun bil-lingwa Ingliza, altrimenti jekk l-att ikun bil-lingwa ta' pajjiz iehor ikun hemm bzonn ta' traduzzjoni tal-att.

Illi d-Direttur intimat fir-raba' eccezzjoni jichad illi sar xi zball da parte tieghu fir-registrazzjoni tal-Att tat-Twelid u ghal dan bazikament ta zewg ragunijiet:

1. Fit-talba li saret sabiex l-Att ta' Twelid esteru bin-numru 6128/S jigi registrat gewwa Malta, l-isem hemm indikat tar-rikorrenti kien dak ta' 'Basil Alsuhaibani' u mhux 'Basil Saleh Nasser Alsuhaibani'. Id-Direttur intimat ipprezenta kopja ta' din it-talba mmarkata bhala Dok DRP3 a fol. 132 tal-process;

2. Ir-registrazzjoni kellha ssir billi *ad verbatim* tigi mnizzla l-informazzjoni kollha misjuba fuq l-Att ta' Twelid esteru bin-numru 6128/S senjatament fit-tieni pagna tat-traduzzjoni tal-Att fejn l-isem hemm indikat kien dak ta' 'Basil' biss u mhux 'Basil Saleh Nasser'.

Illi fir-rigward l-ewwel raguni r-rikorrenti ressaq bhala xhud lil certa Monika Katarzyna Puchala li tat id-deposizzjoni taghha bil-procedura tal-affidavit a fol. 158 *et seq* tal-process fejn spjegat li hija tahdem bhala supervisor fuq kwistjonijiet ta' immigrazzjoni mad-Deloitte Malta. Hija spjegat x'kien gara meta personalment kienet marret ir-Registru Pubbliku sabiex tirregistra l-Att tat-Twelid tar-rikorrenti. Qalet is-segwenti:

> '3. Acting upon the Applicant's instructions in the context of his obtainment of Maltese citizenship in May 2017, I as representative of the Services Provider approached the Public Registry upon the indication of the latter that the Applicant's birth be registered. According to the Applicant's instructions, I initially prepared the Request for Registration attached as Annex "A" to record the Applicant's birth

according to the name as it was carried in his official documents and, in particular, in accordance with the name as it was carried in his international passport obtaining at the time. This undated Request for Registration was presented by me to Ms Diana Caruana at the Public Registry on or around February 2017.

4. At that meeting Ms Caruana indicated that the Public Registry could not accept such a request, citing the legal requirement for it to have sole regard to the name of the Applicant as carried in any existing act of birth or any equivalent record of that nature.'

Illi minn din id-deposizzjoni ta' Monika Katarzyna Puchala jirrizulta li originarjament l-applikazzjoni li kienet ser tigi rregistrata kienet bl-isem ta' 'Basil Saleh N Alsuhaibani' li madanakollu wara ndikazzjoni ta' Ms Diana Caruana kienet tbiddlet sabiex tkun tirrifletti l-Att tat-Twelid b'dan li gie mnizzel bl-isem ta' 'Basil Alsuhaibani'. Ix-xhud esebiet kopja tal-applikazzjoni kif kienet ser tigi ntavolata originarjament a fol. 160 tal-process u kopja tal-applikazzjoni kif giet effettivament intavolata fir-Registru Pubbliku a fol. 161 tal-process.

Illi fir-rigward it-tieni raguni, a kuntrarju ta' dak iddikjarat mid-Direttur intimat, jirrizulta li fl-Att ta' Twelid esteru bin-numru progressiv 6128/S a fol. 11 *et seq* tal-process, fl-ewwel pagna tieghu l-isem tar-rikorrenti hemm indikat huwa dak ta' 'Basil Saleh Nasser Abdullah Alsuhaibani'. Xorta izda jibqa' l-kaz illi l-isem hemm indikat fl-ewwel pagna m'huwiex dak indikat mir-rikorrent fit-talbiet tieghu stante li l-isem 'Abdullah' fl-ebda dokument ma gie ndikat bhala formanti parti mill-isem tar-

rikorrenti.

Illi kif spjegat mill-Avukat Dr Abdulaziz Hamad H. Alfahad fid-deposizzjoni tieghu moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 20 *et seq* tal-process, fil-ligi tal-Arabja Sawdita tarbija tinghata l-ewwel isem taghha u sussegwentament bhala t-tieni isem tinghata l-isem ta' missierha u bhala t-tielet isem tinghata l-isem ta' missier missierha u cioe' tan-nannu patern. Din il-Qorti sejra tikkwota *ad verbatim* dak li qal l-Avukat Dr Abdulaziz Hamad H. Alfahad illi:

> '...I confirm that I have examined the Kingdom of Saudi Arabia birth certificate of Mr Basil Saleh Nasser Alsuhaibani, having progressive number 6128/S, issued by the Birth Registry Office of Riyadh on the 15th day of June of the year 1983, a copy of which I attach with this deposition marked as **Annex "B"**.
> I also confirm that as a matter of the law and practice of the Kingdom of Saudi Arabia, it results from the said birth certificate that the full name of the person in question is, as I have already described it to be, that is "**BASIL SALEH NASSER ALSUHAIBANI**".
>
> I further confirm that this is because as a matter of Saudi law the child is given his first name ("Basil") – which appears in the "Child's Forename" section of the Birth Certificate; and then takes as his second name the first name of his father (in this case "Saleh") and as his third name the first name of his paternal grandfather (in this case "Nasser"), these latter two names resulting from the "Full Names" of the father as stated in the same birth certificate.

I yet further confirm that in like manner the person in question has received the surname of his father ("Alsuhaibani") – as also results from the "Full Names" of the father as stated in the same birth certificate.

I wish in conclusion to state categorically that this is not a case of any error in the birth certificate of the Kingdom of Saudi Arabia, which in fact contains all the information necessary to ascertain the "full name" of the person concerned – in this case "**BASIL SALEH NASSER ALSUHAIBANI**". This is reflected in the fact that the official documents issued by the authorities of the Kingdom of Saudi Arabia in favour of Mr Basil Saleh Nasser Alsuhaibani, them being the Kingdom of Saudi Arabia Passport number T912181 issued 07 February 2017 and Kingdom of Saudi Arabia Identity Card number 1064228867, issued 10 January 1999, which I have also duly examined and copies of which are attached herewith as **Annexes "C"** and "**D**", do indeed refer to the aforementioned full name of the person, which full name emanates from his birth certificate as I have explained above.'

Illi din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita' tal-fatti fejn tidhol l-identita' ufficjali tal-persuna kkoncernata. Fl-atti gew ipprezentati diversi dokumenti ufficjali tar-Renju tal-Arabja Sawdita li lkoll jindikaw l-isem tar-rikorrenti bhala dak ta' 'Basil Saleh Nasser Alsuhaibani' u mhux bhala dak ta' 'Basil Alsuhaibani'. Dawn id-dokumenti huma s-segwenti:

i. Karta tal-identita' Nazzjonali tal-Arabja Sawdita bin-numru 1064228867 mahruga mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja

Sawdita li kopja taghha u tat-traduzzjoni ghal lingwa Ingliza giet esebita a fol. 61 *et seq* tal-process minn fejn jirrizulta li l-isem tar-rikorrenti fit-traduzzjoni huwa ndikat bhala Basil Saleh Nasser Alsuhaibani;

ii. Criminal Record mahrug mid-Dipartiment tal-Evidenza Forensika tas-Sigurta' Pubblika tal-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita datat 4 ta' Jannar, 2016 li kopja taghha u tat-traduzzjoni ghal lingwa Ingliza giet esebita a fol. 65 *et seq* tal-process minn fejn jirrizulta li l-isem hemm indikat huwa dak ta' Basil Saleh Nasser Alsuhaibani;

iii. Civil Status – Family Registry Card mahrug mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita li kopja tieghu u tat-traduzzjoni ghal lingwa Ingliza gie esebit a fol. 72 *et seq* tal-process minn fejn jirrizulta wkoll li l-isem hemm indikat tar-rikorrenti huwa dak ta' Basil Saleh Nasser Alsuhaibani;

iv. Family Head Information mahrug mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita datat 1 ta' Marzu, 2016 li kopja tieghu u tat-traduzzjoni ghal lingwa Ingliza gie esebit a fol. 75 *et seq* tal-process minn fejn jirrizulta wkoll li l-isem hemm indikat tar-rikorrenti huwa dak ta' Basil Saleh Nasser Alsuhaibani;

v. Kuntratt taz-Zwieg bin-numru 33/5 mahrug mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju tal-Arabja Sawdita mahrug fl-10 ta' Settembru, 2008 li kopja tieghu u tat-traduzzjoni ghal lingwa Ingliza giet esebita a fol. 78 *et seq* tal-process minn fejn jirrizulta wkoll li l-isem hemm indikat huwa dak ta' Basil Saleh Nasser Alsuhaibani;

vi. Certifikati ta' wlied ir-rikorrenti Hessah u Abdulkarim

mahrugin fl-Arabja Sawdita' esebiti a fol. 88 *et seq* tal-process minn fejn jirrizulta li isem ir-rikorrenti gie ndikat bhala dak ta' Basil Saleh Nasser Alsuhaibani.

Illi ghajr ghall-passaport tar-rikorrenti mahrug fis-7 ta' Frar, 2017 mill-Awtoritajiet tar-Renju tal-Arabja Sawdita f'Riyadh bin-numru T912181 fejn l-isem 'Nasser' gie abrevjat ghall-ittra 'N' flok l-isem shih, mid-dokumenti l-ohra fuq ikkwotati jirrizulta li l-isem shih tar-rikorrenti huwa dak ta' 'Basil Saleh Nasser Alsuhaibani' u mhux kif indikat mid-Direttur intimat. Dan anke fid-dawl ta' l-opinjoni legali gja kkwotata. Il-Qorti wkoll ma tistax ma tinnotax li d-Direttur intimat filwaqt li fl-att tat-twelid tar-rikorrent irrikonixxih b'isem, f'dak ta' uliedu irrikonoxxih b'iehor. Il-Qorti tqis li qabel ma jigu registrati c-certifikati msemmija stante tali anomalija d-Direttur kellu d-dover li jinvestiga r-raguni ghalfejn l-istess persuni kien qed jigi mnizzel b'ismijiet diversi.

Illi wkoll ghalkemm din il-Qorti mhux qed tistrieh unikament fuq dak iddikjarat fl-istadju tat-trattazzjoni hija taghmel referenza ghal dak li gie ddikjarat minn Dr Julian Vella a nom tad-Direttur intimat fejn inghad illi:

> '**Av. Julian Vella:** …. fuq il-mertu tal-kawza m' ghandhiex kwistjoni, gialadarba l-Qorti hija sodisfatta bil-provi li dawn huma maghrufa b'dawn l-ismijiet. Il-Qorti tista tilqa t-talbiet, ahna l-kwistjoni taghna hija l-ispejjez, ghas-semplici raguni ahna rridu nimxu kif qal il-kollega tieghi, irridu nimxu fuq dak li jidher fl-att tat-twelid. Issa vera fil-prattika, fil-Ligi ta' l-Arabja Saudita dawn jghidu t-tieni u t-tielet isem, ma nahsibx li d-Direttur jkun jaf dawn il-Ligijiet u japplikahom minn jeddu minghajr ordni tal-Qorti.'

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak suespost, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrent huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Illi fir-rigward l-ispejjez, jirrizulta li r-rikorrent ntavola l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni datata 14 ta' Marzu, 2017 (a fol. 132 tal-process) fl-isem ta' Basil Alsuhaibani u ma mexiex mal-ewwel pagna tal-Att ta' Twelid li jgib in-numru progressiv 6128/S, liema att fl-ewwel pagna kien jindika l-isem shih bhala dak ta' Basil Saleh Nasser Abdullah Alsuhaibani. Il-Qorti tissenjala li malgrad li gie spjegat minn Monika Katarzyna Puchala (ara affidavit a fol. 158 tal-process) li inizjalment hija kienet ser tintavola applikazzjoni bl-isem ta' 'Basil Saleh N Alsuhaibani', l-isem hemm indikat xorta ma kienx l-isem shih tar-rikorrenti. Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti taqbel mad-Direttur intimat li m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrenti bin-numru progressiv 2925 kif registrat mid-Direttur intimat fis-16 ta' Mejju, 2017, billi jigu registrati fl-istess Att tat-Twelid it-tieni u t-tielet isem tar-rikorrenti, u cioe' l-ismijiet 'Saleh Nasser', sabiex b'hekk

l-isem shih tal-istess rikorrenti jigi jinqara 'Basil Saleh Nasser' bhala isem u 'Alsuhaibani' bhala kunjom.

2. Tilqa' t-tieni talba kif dedotta.

3. Tilqa' t-tielet talba kif dedotta limitatament ghal dawk l-atti fil-poter tad-Direttur intimat.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez ghandhom jigu nterament sopportati mir-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**28 ta' Settembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**28 ta' Settembru, 2020**